MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 1366/2002

**Ranger Company Limited**

**Vs**

**Euro Imports Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors prezentat mis-socjeta' Euro Imports Ltd. fit-2 ta' Dicembru, 2002, li bih wara li ppremetta illi

1. Fil-21 ta' Novembru 2002, is-socjeta' Ranger Company Limited harget Mandat ta' Sekwestru numru 2337/02 kontra s-socjeta' rikorrenti, Euro Imports Limited, billi allegat illi hija kellha tithallas l-ammont ta' Lm5399.85 u dana in kawtela tal-pretenzjonijiet taghha kif

dedotti f'citazzjoni numru 1317/02 TM appuntata ghas-smiegh fit-12 ta' Dicembru 2002.

2. Illi indipendentement mill-meritu tal-kawza msemmija mis-socjeta' intimata, li ghadha sal-lum ma gietx notifikata lir-rikorrenti, il-pendenzi bejn il-partijiet huma numeruzi fosthom il-fatt illi kuntrarjament ghal dak li qed tallega s-socjeta' Ranger Company Limited, l-ammont dovut lilha mir-Rikorrenti huwa biss ta' Lm1627.35, rappresentanti kiri ta' tlett vetturi u mhux Lm5399.85 kif qed tallega s-socjeta' Ranger Company Limited. L-ammont kif mitlub mis-socjeta' Ranger Company Limited huwa wiehed eccessiv, u mhux kollu gustifikat. L-ammont dovut huwa biss ta' Lm1627.35 liema somma s-socjeta' rikorrenti dejjem kienet disposta li thallas lis-socjeta' Ranger Company Limited.

3. Illi biex taghmel tajjeb ghal-ammont dovut ta' Lm1627.35 u anki ghal kwalsiasi s-socjeta' rikorrenti ghandha l-kapitali taghha stess, liema kapital huwa kollu imhallas (fully paid up capital) u jammonta ghas-somma ta' tletin elf Lira Maltin (Lm30,000.00). Oltre dan l-ammont ta' kapital, l-istess socjeta' rikorrenti ghandha assi ohra konsistenti f'merkanzija ammontanti ghal eluf ta' liri Maltin. Ghalhekk l-istess socjeta' rikorrenti ghandha bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ammont dovut minnha lis-socjeta' Ranger Company Limited.

4. Illi r-rikorrenti jissottometti illi dan il-Mandat ta' Sekwestru, partikolarment billi wiehed mis-sekwestratarji huwa l-Kontrollur tad-Dwana, huwa wiehed ghal kollox vessatorju u sar propju biex iservi biss ta' pressjoni fuq ir-rikorrenti biex jithallas l-ammont allegatament dovut minnhom u mhux biex jikkawtela l-kreditu tieghu. Ta' min jinnota illi fit-trattativi li saru qabel ma' nhareg il-Mandat qatt ma ssemmiet is-somma ta' Lm5399.85. B'dan il-Mandat il-merkanzija destinata lis-socjeta' rikorrenti fi zmien tal-Milied sejra tinzamm mill-Kontrollur tad-Dwana. Din il-merkanzija fil-bicca kbira taghha tikkonsisti f'ikel hija *res fungibiles* u bi zmien tiskadi – ghalhekk il-Mandat f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana ma sservi ta' xejn u ghax sakemm tigi deciza l-kawza l-ikel

kollu mizmum ma jkunx tajjeb ghal konsum ghax ikun skada. M’hemmx dubbju, kif gia intqal, illi dan il-Mandat sar propju biex issir pressjoni fuq is-socjeta’ rikorrenti u mhux sabiex jigi b’xi mod jew iehor ikkawtelat il-kreditu tas-socjeta’ intimata.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess ir-rikorrenti nomine jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 836 (1) (c), (d), (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Mandat fl-ismijiet premessi jigi revokat *in toto.*

Rat ir-Risposta prezentata mis-socjeta’ Ranger Company Ltd, li biha esponiet illi

1. Umilment jinghad illi l-ammont ta’ Lm5399.85, mertu tal-mandat ta’ sekwestru odjern huwa sustanzjat permezz ta’ kuntratt milhuq u accettat bejn il-partijiet. L-ammont ta’ Lm2394.85 huwa rappresentanti kirijiet effettivi tal-vetturi u l-ammont ta’ Lm3105 huwa ammont rappresentanti penali stipolat b’mod inekwivoku fil-kuntratti bejn il-partijiet.

2. Illi l-ammont rikjest huwa piu minn gustifikat ghaliex sorrett minn kuntratt bejn il-partijiet. Illi l-kawza msemmija hija in effetti notifikata lis-socjeta’ rikorrenti u fl-ewwel dehra din l-Onorabbli Qorti tat il-fakolta lis-socjeta’ rikorrenti d-dritt illi tipprezenta eccezzjonijiet.

3. Illi fl-ewwel dehra u kif tinstab tissottometti f’dan ir-rikors hija tirrikonoxxi illi hija debtrici lejn is-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ Lm1627.35 somma li hija tista’ facilment tiddeposita minghajr pregudizzju ghar-rimanenti bilanc li hija tinstab tikkontesta. Nonostante li saret din it-talba is-socjeta’ intimata qed tirrifjuta li thallas l-imsemmi ammont accettat.

4. Illi ghalkemm l-esponent intavola s-sekwestru kontra s-socjeta’ intimata u nnotifika lil Banek kollha jinstab jigi notifikat mill-banek kollha illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandha ebda fondi kurrenti jew ohrajn fil-pussess tal-Banek u kwindi ma tezisti ebda kawtela favur is-socjeta’ attrici.

5. Illi wiehed ma jissorprendix ruhu illi l-mandat ta’ sekwestru notifikat lil Kontrollur tad-Dwana mertu ta’ dan ir-rikors odjern kien l-uniku fattur li dejjaq lis-socjeta’ rikorrenti.

6. Illi fil-kaz illi kif asserit is-socjeta’ rikorrenti tant ghandha assi u kapital ta’ ben oltre Lm30,000.00 m’ghandha ssib ebda problema illi tiddeposita s-somma mertu tal-kawza u jkollha d-dritt tohrog kontro-mandat opportun.

7. Illi l-verita’ hija illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha problemi finanzjarji u di fatti ghandha fil-konfront taghha mandati intavolati kontriha minn terzi. Illi r-realta hija illi m’ghandhiex assi likwidi u kif jinghad mis-socjeta’ rikorrenti nnifisha s-socjeta’ attrici ma jistax ikollha tistrieh fuq merkanzija meta l-istess merkanzija li hija jkollha hija ta’ natura res fungibiles u kwindi tiskadi u allura certament ma tistax titiqies li sservi bhala garanzija.

8. Illi kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern l-mandat odjern huwa necessarju ghaliex huwa l-unika mod li jaccerta s-socjeta’ attrici li fil-fatt is-socjeta’ konvenut tinstab finanzjarjament attiva.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat li r-Rikors thalla ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

Is-socjeta’ Ranger Company Ltd, resqet pretensjoni ghas-somma ta’ Lm5399.85 kontra s-socjeta’ rikorrenti u kkawtelat din il-pretensjoni bil-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 2377/02. Is-socjeta’ rikorrenti taccetta biss li ghandha taghti s-somma ta’

Lm1627.35, u qed tallega li l-Mandat ta' Sekwestru, mahrug f'idejn il-Banek lokali u f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana, qed jaffetwala n-negozju taghha, specjalment mehud konsiderazzjoni tal-fatt li l-merkanzija li timporta tikkonsisti l-aktar f'*res fungibiles* u biz-zmien tiskadi. Is-socjeta' rikorrenti tghid ukoll li hi ghandha kapital ta' Lm30,000 investit fil-kumpanija taghha u, ghalhekk, ghandha bizzejjed assi biex tissodisfa l-eventwali kanonizzazzjoni tal-kreditu li tista' takkwista s-socjeta' intimata. Is-socjeta' rikorrenti qed titlob, ghalhekk, ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru ai termini tal-artikolu 836(1) (c) (d) (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 836(1) jiddispondi illi:

Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret il-kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qieghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

(a) li l-att kawtelatorju m'ghadux iktar fis-sehh;

(b) li wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;

(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv; jew

(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed; jew

(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Illi mill-premess din il-Qorti mhix sodisfatt, fl-ewwel lok, li s-somma garantita hija prima facie eccessiva. Hu veru li s-socjeta' rikorrenti tippretendi li hi ghandha thallas anqas, izda hi stess tammetti li l-pendenzi bejn il-partijiet "huma numeruzi" u ma giex muri li l-pretensjoni tas-socjeta' intimata hija esagerata. Ovvjament, il-kwistjoni dwar jekk il-pretensjoni tas-socjeta' intimata hijiex gustifikata jew le, trid tigi mistharga fil-kawza tal-meritu, izda, f'dan l-istadju, ma giex muri li dik it-talba hija *prima facie* eccessiva.

Lanqas ma gie muri li s-socjeta' rikorrenti ghandha xi assi ohra li bihom tista' tiggarantixxi s-somma pretiza. Il-fatt li s-socjeta' ghandha kapital imhallas (fully paid up) ta' Lm30,000, ma jfissirx la li dawn il-flus huma facilment *available* ghas-socjeta' intimata, u lanqas li dak il-kapital ghadu jezisti. Is-socjeta', jista' jkun, investit din is-somma fin-negozju taghha, izda dan ma jfissirx li dan l-investiment ghadu ezistenti. Inoltre l-garanzija alternattiva li s-sekwestrat irid joffri biex jissodisfa l-vot tal-artikolu 836 (1) (e), trid tkun wahda soda u cara, u trid tikkonsisti fi flus li jkunu kemm jew f'assi li jkunu facilment realizzabbli; f'dan il-kaz, flus kawtelati hemm biss Lm305, li hi figura 'l boghod hafna mis-somma pretisa mis-socjeta' intimata. Ma jirizultax, allura, la li hemm garanzija xierqa ohra u lanqas ma giet moghtija garanzija alternattiva li din il-Qorti tqies bhala tajba u bizzejjed.

Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li s-Sekwestru f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana qed jaffettwala n-negozju taghha. L-ewwelnett, jidher li, sa issa, il-Kontrollur tad-Dwana ghadu ma zamm ebda merkanzija tas-socjeta' rikorrenti u, kwindi, sal-lum, is-Sekwestru ma kellux l-effett lamentat minnha. Is-socjeta' rikorrent tilmenta li l-bicca l-kbira tal-merkanzija taghha ikollha zmien determinat ghall-uzu taghha, u jekk din tinzamm mill-Kontrollur tad-Dwana sakemm tigi determinata l-kawza, dik il-merkanzija ma

tkun tiswa xejn, la ghaliha u lanqas ghall-eventwali kreditur taghha. Fuq dan il-punt, il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' rikorrenti ghandha ragun. Il-Mandat in kwistjoni mhux wiehed ezekuttiv, f'liema kaz, il-Qorti tkun tista' tipprocedi ghal bejgh tal-affarijiet li jithassru "bil-mod li jidhrilha xieraq" (artikolu 345 tal-Kap 12), b'mod li, allura, tista' tipprovdi ghall-bejgh bid-debita speditezza. L-oggetti sekwestrati b'Mandat kawtelatorju jridu jigu preservati sakemm tigi deciza l-kawza fil-mertu, u jekk dawk l-oggetti jaslu biex jghaddilhom is-"sale by date", ma jkunu ta' siwi ghall-hadd.

Ghalhekk, il-Qorti, se tipprovdi billi tezenta mill-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni oggetti jew merkanzija li kull ma jmorru izjed jithassru.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2337/2002 in kwantu din it-talba hi bazata fuq l-artikolu 836 (1) (c) (d) u (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, pero', tilqa' l-istess talba in kwantu bazata fuq l-artikolu 836 (1) (f), fis-sens biss li, fir-rigward tas-sekwestratarju l-Kontrollur tad-Dwana, tordna li l-Mandat ta' Sekwestru indikat m'ghandux ikollu effett in kwantu jolqot merkanzija jew hwejjeg ohra fi stat li kull ma jmorru izjed jithassru; tikkonferma l-Mandat fil-bqija tieghu.

L-ispejjez ta' din il-kawza, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------